

**Appell ippreżentat fil-15 ta' Settembru 2010 minn ThyssenKrupp Acciai Speciali Terni SpA mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fil-1 ta' Lulju 2010 fil-Kawża T-62/08, ThyssenKrupp Acciai Speciali Terni SpA vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-448/10 P)

(2010/C 317/36)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

*Appellanti:* ThyssenKrupp Acciai Speciali Terni SpA (rappreżentanti: T. Salonic, G. Barone u A. Marega, avukati)

*Appellata:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tal-appellanti**

— tannulla s-sentenza appellata <sup>(1)</sup> u d-deċiżjoni <sup>(2)</sup> inkwantu jiċħdu n-natura kumpensatorja tal-miżura inkwistjoni, u jqisuha minflok għajnuna mill-Istat illegali u inkompatibbli : u/jew

— annulla s-sentenza appellata sa fejn tiċħad li l-ordni ta' rkupru li jinsab fid-deċiżjoni jmur kontra l-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi u, minħabba fhekk, tannulla d-deċiżjoni sa fejn tordna lill-Italja tirkupra minnufih l-għajnuna bl-interessi: u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

L-appellanti ssostni li s-sentenza appellata hija żbaljata u li għaldaqstant għandha tiġi annullata għal dawn ir-raġunijiet:

(1) ksur tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat TFUE, kif ukoll motivazzjoni kontradittorja u żball manifest minħabba żnaturament tal-provi prodotti fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-miżura inkwistjoni bħala għajnuna mill-Istat u mhux bħala misura kumpensatorja favur l-appellanti. Il-Qorti Ġenerali żbaljat meta interpretat b'mod restrittiv ir-regoli u l-ġurisprudenza nazzjonali invokati mir-rikorrenti fl-ewwel istanza, liema regoli u giurisprudenza jipprovaw li l-miżura inkwistjoni ma hijiex għajnuna mill-Istat imma żammet ir-*ratio* kumpensatorja, oriġinarjament prevista mil-leġiżlatur Taljan fl-1962, u rrikonossuta mill-Kummissjoni u mill-Qorti Ġenerali.

(2) ksur tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament KE Nru 659/1999 <sup>(3)</sup>, kif ukoll motivazzjoni kontradittorja u insuffiċjenti, sa fejn il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-ordni ta' rkupru li jinsab fid-deċiżjoni ma jmurx kontra l-prinċipju

tal-aspettattivi leġittimi. Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali hija żbaljata u nieqsa minn motivazzjoni adegwata sa fejn ċadhet li s-silenzju għal żmien twil tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kjarifiki ppreżentati mill-awtoritajiet Taljani fl-aħħar tal-1991 fuq il-fatt li l-ewwel proroga tat-tariffa Terni żammet l-iskop finali kumpensatorju oriġinali hija ċirkustanza tali li toħloq aspettattivi leġittimi fl-appellanti fir-rigward tal-fatt li l-prorogi tat-tariffa Terni, li fosthom hemm il-miżura inkwistjoni, ma humiex għajnuna mill-Istat.

<sup>(1)</sup> Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea (Il-Ħames Awla) tal-1 ta' Lulju 2010 fil-Kawża T-63/08.

<sup>(2)</sup> Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal- 20 ta' Novembru 2007 dwar l-għajnuna tal-Istat C 36/A/06 (ex NN 38/06) implimentata mill-Italja favur ThyssenKrupp, Cementir u Nuova Terni Industrie Chimiche (ĠU 2008 L p. 37)

<sup>(3)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE, Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339.

**Appell ippreżentat fil-15 ta' Settembru 2010 minn Cementir Italia Srl mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) tal-1 ta' Lulju fil-kawża T-63/08, Cementir Italia Srl vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-449/10 P)

(2010/C 317/37)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

*Appellanti:* Cementir Italia Srl (rappreżentanti: T. Salonic, G. Barone u A. Marega, avukati)

*Appellata:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tal-appellanti**

— tannulla s-sentenza appellata <sup>(1)</sup> u d-deċiżjoni <sup>(2)</sup> inkwantu jiċħdu n-natura kumpensatorja tal-miżura inkwistjoni, u jqisuha minflok għajnuna mill-Istat illegali u inkompatibbli: u/jew

— tannulla s-sentenza appellata sa fejn tiċħad li l-ordni ta' rkupru li jinsab fid-deċiżjoni jmur kontra l-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi u, minħabba fhekk, tannulla d-deċiżjoni sa fejn tordna lill-Italja tirkupra minnufih l-għajnuna bl-interessi: u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

## Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti ssostni li s-sentenza appellata hija żbaljata u li għaldaqstant għandha tiġi annullata għal dawn ir-raġunijiet:

- (1) ksur tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat TFUE, kif ukoll motivazzjoni kontradittorja u żball manifest minħabba żnaturament tal-provi prodotti fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-miżura inkwistjoni bħala għajnuna mill-Istat u mhux bħala misura kumpensatorja favur l-appellanti. Il-Qorti Ġenerali żbaljat meta interpretat b'mod restrittiv ir-regoli u l-ġurisprudenza nazzjonali invokati mir-rikorrenti fl-ewwel istanza, liema regoli u ġurisprudenza jipprovaw li l-miżura inkwistjoni ma hijiex għajnuna mill-Istat imma żammet ir-ratio kumpensatorja, oriġinarjament prevista mil-leġiżlatur Taljan fl-1962, u rrikonoxxuta mill-Kummissjoni u mill-Qorti Ġenerali.
- (2) ksur tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament KE Nru 659/1999 <sup>(3)</sup>, kif ukoll motivazzjoni kontradittorja u insuffiċjenti, sa fejn il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-ordni ta' rkupru li jinsab fid-deċiżjoni ma jmurx kontra l-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi. Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali hija żbaljata u nieqsa minn motivazzjoni adegwata sa fejn ċaħdet li s-silenzju għal żmien twil tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kjarifiki ppreżentati mill-awtoritajiet Taljani fl-aħħar tal-1991 fuq il-fatt li l-ewwel proroga tat-tariffa Terni żammet l-iskop finali kumpensatorju oriġinali hija ċirkustanza tali li toħloq aspettattivi leġittimi fl-appellanti fir-rigward tal-fatt li l-prorogi tat-tariffa Terni, li fosthom hemm il-miżura inkwistjoni, ma humiex għajnuna mill-Istat.

(<sup>1</sup>) Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea (Il-Ħames Awla) tal-1 ta' Lulju 2010 fil-Kawża T-63/08

(<sup>2</sup>) Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Novembru 2007 dwar l-għajnuna tal-Istat C 36/A/06 (ex NN 38/06) implimentata mill-Italja favur ThyssenKrupp, Cementir u Nuova Terni Industrie Chimiche (ĠU 2008 L p. 37).

(<sup>3</sup>) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE, Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339

**Appell ippreżentat fil-15 ta' Settembru 2010 minn Nuova Terni Industrie Chimiche SpA kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) tal-1 ta' Lulju 2010 fil-Kawża T-64/08, Nuova Terni Industrie Chimiche SpA vs Il Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-450/10 P)**

(2010/C 317/38)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

## Partijiet

Appellanti: Nuova Terni Industrie Chimiche SpA (rappreżentanti: T. Salonic, G. Barone u A. Marega, avukati)

Appellata: Il Kummissjoni Ewropea

## Talbiet tal-appellanti

- tannulla s-sentenza appellata <sup>(1)</sup> u d-Deċiżjoni <sup>(2)</sup> sa fejn huma jiċħdu l-karattru ta' indennizz u kumpensatorju tal-miżura kkontestata, u jqisuha minflok bħala għajnuna mill-Istat illegali u inkompatibbli; u/jew
- tannulla s-sentenza appellata sa fejn hija tiċħad li l-ordni għal irkupru li jinsab fid-Deċiżjoni jmurx kontra l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u, għaldaqstant, tannulla d-Deċiżjoni sa fejn hija tordna lill-Italja sabiex tirkupra mill-iktar fis l-għajnuna u l-interessi; u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-proċeduri.

## Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti tqis li s-sentenza appellata hija żbaljata u għaldaqstant għandha tiġi annullata għal dawn l-aggravji:

- (1) ksur tal-Artikoli 107 u 108 TFUE, kif ukoll motivazzjoni kontradittorja u żball manifest minħabba żnaturament tal-provi ppreżentati fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-miżura kkontestata bħala għajnuna mill-Istat u mhux bħala miżura kumpensatorja favur l-appellanti. Il-Qorti Ġenerali żbaljat meta interpretat b'mod restrittiv ir-regoli u l-ġurisprudenza nazzjonali msemmija mir-rikorrenti fl-ewwel istanza, li juru li l-miżura kkontestata ma tikkostitwixx għajnuna mill-Istat iżda żammet l-iskop ta' indennizz previst oriġinarjament mil-leġiżlatur Taljan fl-1962 u rikonnoxxut mill-Kummissjoni u mill-Qorti Ġenerali.
- (2) ksur tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 <sup>(3)</sup>, kif ukoll motivazzjoni kontradittorja u insuffiċjenti, sa fejn il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-ordni għal irkupru li jinsab fid-Deċiżjoni ma jmurx kontra l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali hija żbaljata u nieqsa minn motivazzjoni suffiċjenti sa fejn hija ċaħdet li s-silenzju mtawwal tal-Kummissjoni fir-rigward tal-preċiżazzjonijiet ippreżentati mill-awtoritajiet Taljani fl-aħħar tal-1991 fuq il-fatt li l-ewwel proroga tat-Tariffa Terni żżomm l-iskop oriġinali ta' kumpens jirrappreżenta fatt li jnissel aspettattiva leġittima fl-appellanti li l-prorogi tat-Tariffa Terni, fosthom il-miżura kkontestata, ma jikkostitwixx għajnuna mill-Istat.

(<sup>1</sup>) Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea (Il-Ħames Awla), tal-1 ta' Lulju 2010, fil-Kawża T-64/08

(<sup>2</sup>) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/408/KE, tal-20 ta' Novembru 2007, dwar l-għajnuna tal-Istat C 36/A/06 (ex NN 38/06) implimentata mill-Italja favur ThyssenKrupp, Cementir u Nuova Terni Industrie Chimiche (ĠU 2008 L 144, p. 37).

(<sup>3</sup>) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).